MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## IAN SPITERI BAILEY

Seduta tas-27 ta' Frar, 2009

Talba Numru. 758/2007

**Kevin Sciberras**

**Vs**

**Aimen Sharif**

**It-Tribunal,**

Ra l-**Avviz** pprezentat fl-10 ta' Ottubru 2007 li permezz tieghu l-attur ippremetta illi kien qabbad lill-konvenut sabiex jaghmel xi xogholijiet fil-fond bl-indirizz 11, 12 u 13, St Catherine Street, Gudja, liema xoghol kien jinkludi tindif ta' hitan u soqfa, tikhil, kif ukoll li finalment jizboh bl-ispirtu. Illi l-konvenut dejjem talab deposit lill-attur biex jahdem, u f'certu mumenti ried li jithallas anke bil-quddiem. Illi l-attur hallas dak mitlub mill-konvenut, inkluz id-deposit u pagamenti bil-quddiem. Illi gurnata minnhom il-konvenut, minghajr raguni valida fil-ligi qabad u waqaf jahdem, u rrifjuta biex ikompli x-xoghol. Illi l-attur meta ra li l-

konvenut ma kienx ha jkompli x-xogholijiet, kejjel ix-xoghol kollu li kien ghamel il-konvenut, u rrizulta li kien sar ftit mix-xoghol li kienu ftehmu fuqu. Illi wara li l-attur ghamel il-kalkoli kollha tax-xoghol li ghamel il-konvenut, irrizulta li l-konvenut ghandu jirritorna l-ammont ta’ Lm1452.36. Illi l-konvenut qatt ma ta ricevuta fiskali lill-attur ghalkemm kien dejjem iwieghed li din sejra tinghata, tant li mbaghad l-attur beda jhallas permezz ta’ cheque. Illi l-konvenut gie nterpellat diversi drabi biex ihallas u sabiex tinghata ricevuta fiskali, izda baqa` inadempjenti.

Jghid il-konvenut ghaliex dan it-Tribunal m’ghandux:

1.Jiddikjara li l-konvenut ghandu jirritorna lill-attur is-somma ta’ Lm1452.36 rapprezentanti flejjes li l-attur hallas sabiex isiru l-imsemmija xogholijiet, li fil-fatt qatt ma twettqu.

2.Jiddikjara li l-konvenut qatt ma pprovda ricevuta fiskali.

3.Jikkundanna l-konvenut jirrifondi s-somma ta’ Lm1452.36 u jipprovdi r-ricevuti fiskali mitluba.

Bl-ispejjez u bl-imghax, inkluzi dawk ta’ l-ittra bonarja kontra l-konvenut, li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-**Risposta b’Kontro-Talba** tal-konvenut ipprezentata fl-10 ta’ Dicembru 2007 li permezz taghha eccepixxa:
1) illi l-konvenut jichad kategorikament il-fatti kif esposti mill-attur fit-talba tieghu.
2) Illi huwa minnu li Kevin Sciberras kien qabbad lil Aimen Sharif jaghmel xogholijiet fil-fond 11, 12 u 13, St Catherine Street, Gudja liema xoghol kien jikkonsisti f’tindif, tqaxxir u tikhil tal-hitan.
3) Illi l-konvenut dejjem thallas tax-xoghol li ghamel bin-nieqes u fil-fatt l-attur ghad fadallu jhallas lill-konvenut l-ammont ta’ Lm1000.
4) Illi ghad li hafna mix-xoghol tlesta, Kevin Sciberras baqa` jittratjeni milli jhallas lil Aimen Sharif, ghad li l-ftehim kien li dan kellu jithallas max-xoghol li jaghmel.

5) Illi l-konvenut waqaf jahdem fuq il-post indikat mill-attur ghaliex l-attur ma riedx ihallsu skond il-prezz pattwit u offrielu prezz inqas.
6) Illi fil-fatt ghad li l-ftehim kien li l-prezz kellu jkun ta' Lm6.50 eskluz il-VAT, Kevin Sciberras, f'daqqa wahda u dan wara li kien kwazi tlesta x-xoghol kollu, naqqas il-prezz ghal Lm5.50 u sahansitra avza lil Aimen Sharif li jew hekk jew inkella jista` jieqaf, fil-fatt id-diskors uzat mill-attur kien 'jekk trid tkompli bil-Lm5.50 (minflok Lm6.50) inkella tista` tieqaf' u ghalhekk kien l-attur stess li instiga lill-konvenut biex jieqaf.
7) Illi fil-fatt u meta sema` dan kollu Aimen Sharif waqaf jahdem fuq il-post ghad li kien ghad fadallu jiehu Lm1,000 tax-xoghol li ghamel.
8) Illi l-ewwel darba li l-attur ivvanta xi drittijiet dwar xi hlas dovut lilu kien biss wara li rcieva l-ittra legali tal-konvenut tat-2 ta' Awissu 2007 u dan biss biex jipprova b'xi mod jevita li jhallas lill-konvenut tax-xoghol li ghamel.
9) Illi ghad li Kevin Sciberras gie nterpellat diversi drabi sabiex ihallas il-bilanc dovut, baqa` inadempjenti.

Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex dan it-Tribunal m'ghandux:

1.Fl-ewwel lok jichad it-talbiet attrici in toto;
2.Jiddikjara li Aimen Sharif baqa` ma thallasx tax-xoghol kollu li hu ghamel fil-fond fuq imsemmi;
3.Jiddikjara li Kevin Sciberras kiser il-kundizzjonijiet tal-ftehim li kien hemm bejn il-partijiet;
4.Jikkundanna lil Kevin Sciberras ihallas is-somma ta' elf liri Maltin (Lm1000) bhala bilanc rimanenti fuq ix-xoghol li sar fil-fond in kwistjoni fuq inkarihu ta' l-istess konvenut Kevin Sciberras.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet inkluz dawk ta' l-ittra bonarja.

Ra r-**Risposta ghall-kontro-talba** ta' Kevin Sciberrasipprezentata fit-28 ta' Jannar 2008 li permezz taghha eccepixxa:

1) illi l-attur jichad kategorikament il-fatti kif esposti mill-konvenut fir-risposta u kontro-talba tieghu;

2) Illi t-talbiet tal-konvenut huma nfondati fil-fatt u fid-dritt;
3) Illi l-attur gie nterpellat ghal hlas allegat mill-konvenut permezz ta' ittra datata 2 ta' Awissu 2007, biss, u ghall-ittra responsiva ta' l-attur datata 22 ta' Awissu 2007 ghad m'hemm l-ebda risposta u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Sema` x-xhieda kollha prodotti, ossia lill-attur **Kevin Sciberras**, lix-xhiedha prodotti mill-istess attur, **Perit Simon Peter Darmanin** u **Daniel Borg**.

Ha konjizzjoni tad-dokumenti kollha esebiti u c-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ikkunsidra :

Illi l-konvenut ma ressaq ebda prova in sostenn tal-posizzjoni tieghu, u ghalkemm il-kawza thalliet ghal-provi tieghu ghas-seduta tal-10 ta' Novembru 2008, dak in-nhar la deher il-konvenut u lanqas id-difensur tieghu.

Illi l-kawza thalliet ghall-ahhar darba ghall-provi kollha tal-konvenut ghad-19 ta' Jannar 2009 u f'dik l-okkazjoni rega` la deher il-konvenut u lanqas id-difensur tieghu, sabiex b'hekk il-kawza thalliet ghall-llum ghad-decizjoni fuq il-provi li tressqu biss mill-attur.

Illi ghalhekk mhux biss il-konvenut ma rnexxilux jressaq provi sabiex jikkumbatti dak li ressaq l-attur, izda lanqas ma gab prova wahda sabiex jissostanzja l-pretensjonijiet tieghu kif dedotti fil-kontro-talba tieghu.

Illi f'dawn ic-cirkostanzi, u tenut kont ukoll illi mill-provi mressqa mill-attur, inoltre` provi mhux kontradetti, it-talba attrici tirrizulta sodisfacentament ppruvata, filwaqt illi dik tal-konvenut rikonvenzjonant ma giet b'ebda mod sostanzjata, it-Tribunal sejjer jghaddi sabiex jilqa` t-talba attrici u jichad il-kontro-talba tal-konvenut.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet hawn fuq msemmija, wara li qies ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u l-provi kollha prodotti, u gja la darba it-Tribunal jinsab sodisfatt illi l-provi mressqa

mill-attur biss u wahdu iwasslu sabiex l-attur ipprova l-kaz tieghu – it-Tribunal qieghed, filwaqt illi jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, jilqa` t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur s-somma ta' tlett elef tlett mija u tlieta u tmenin Euro u disa` centezmi (€3383.09), filwaqt illi jichad il-kontro-talba tal-konvenut fuq nuqqas ta' provi u jilqa` l-eccezzjonijiet mressqa mill-attur ghall-istess kontro-talba.

Bl-ispejjes kollha kontra l-konvenut u bl-imghax kontra l-istess konvenut mid-data tal-presentata ta' l-Avviz.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------